# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Erbgha 7 ta' Dicembru, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**vs.**
**Sheldon Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Sheldon Falzon ta' 24 sena, iben Francis u Paulette nee' Scerri, imwieled il-Pieta' nhar il-21 ta' Novembru, 1983 u residenti gewwa 17 Sidonia Flats, Flat 9, Triq Santa Monika, Gwardamangia, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 588783M.

Akkuzat talli nhar il-5 ta' Lulju, 2008, ghall-habta ta' 19:15 hrs, gewwa Triq ix-Xatt, Gzira:

1. permezz ta' oggett iebes (hadida) ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Johann Camilleri mill-Mosta, u dana skond ma ccertifikat Dr. Malcolm Paul Galea MD numru 3074 mill-isptar Mater Dei, u dana ai termini ta' l-artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dana ai terminu ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li johrog il'barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dana ai termini ta' l-artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien fil-pubbliku, qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagha u dan ai terminu tal-Artikoli 338(bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, ghal habta ta' 21:00 hrs gewwa l-parkegg ta' l-Accident & Emergency Ward ta' l-isptar Mater Dei, minghajr ma darab sew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra Johann Camilleri.

Rat il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali fl-10 ta' Settembru, 2008, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat u deciz;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti l-ohra ezebiti;

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta, wara li l-Prosekuzzjoni kienet ghalqet il-provi taghha.[1]

Rat li fis-seduta 7 ta' Marzu 2011 quddiem din il-Qorti kif preseduta, Dr Chris Balzan, l-avukat difensur tal-parte civile, iddikjara hekk: *"li qed jezentaw lill-Magistrat li qed tippresjedi din il-Qorti milli terga' tisma' lix-xhieda kollha li ngabru f'din il-kawza sa llum."*[2]

[11] Ara verbal tal-Prosekuzzjoni a fol. 87 tal-process.
[2] Ara verbal a fol. 91 tal-process.

Rat li fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2011 quddiem din il-Qorti kif preseduta, sar is-segwenti verbal: *"Dr Arthur Azzopardi, fuq istruzzjonijiet tal-imputat, jezenta lill-Qorti mis-smiegh mill-gdid tax-xhieda diga mismugha, ghajr ghax-xhieda ta' Wayne Caruana u Thomas Camilleri li xehdu fis-7 ta' Jannar 2009."*[3] Din il-Qorti iddiferiet il-kawza sabiex jinstemghu dawn ix-xhieda.

Fis-seduta sussegwenti, u cioe dik tat-18 ta' April 2012, sar is-segwenti verbal mill-avukat difensur tal-imputat: *"Dr Arthur Azzopardi informa lill-Qorti illi l-imputat u l-parte civile kienu kwazi waslu fi fethim bonarju u kien bi hsiebhom jirrinunzjaw ghal dak kollu li hu rinunzjabbli fil-proceduri li hemm fil-konfront ta' kull wiehed minnhom u in vista tal-fatt li hemm ukoll proceduri kontra l-parte civile, kemm il-parte civile kif wkoll l-imputat ser jaghzlu li ma jixhdux fil-konfront ta' xulxin."*[4]

Fis-seduta ta' wara u cioe, dik tal-4 ta' Lulju 2012, sar is-segwenti verbal mill-partijiet:
*"Dr Chris Balzan ghal parte civile jiddikjara illi m'ghandux iktar interess f'dawn il-proceduri.*

*Id-difiza ghal kull bon fini tiddikjara wkoll li m'ghandhom ebda interess fi proceduri kontra parte civile.*

*Dr Chris Balzan ghall-parte civile jiddikjara wkoll li l-parte civile llum m'ghadhiex issofri minn ebda sfregju, marki u lanqas kundizzjoni medika konsegwenza ta' dan l-incident u llum jista' jiddikjara li ma hemmx kumplikazzjonijiet."*

F'dik is-seduta, din il-Qorti iddiferriet il-kawza ghas-sentenza, b'dan li *inter alia* ordnat lid-difiza li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet dwar l-effett tar-rinunzja tal-parte civile fuq it-tahrika.[5]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat Sheldon Falzon.

Ikkunsidrat:

---

[3] Ara verbal a fol. 93 tal-process.
[4] Ara verbal a fol. 94 tal-process.
[5] Ara verbal a fol. 95 tal-process.

## Il-Fatti

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fid-data in kwistjoni kien hemm kollizzjoni bejn zewg vetturi fi Triq ix-Xatt il-Gzira. Vettura tal-marka Isuzu kienet misjuqa minn Johann Camilleri, il-parte civile u l-vettura l-ohra tal-marka Volvo misjuqa mill-imputat.

2. Meta waslu il-Pulizija iz-zewg sewwieqa kienu qed jargumentaw, izda ma kienux fl-idejn. Pero t-tnejn kellhom id-dmija fuqhom u, Johann Camilleri kellu qasma fuq rasu. It-tnejn li huma sostnew mal-Pulizija li x-xufier l-iehor ta' daqqa ta' hadida lilu.[6]

3. Irrizulta li l-hadida li ntuzat kienet wahda li biha jinfethu n-nuts tar-roti tal-karozza biha, u l-Pulizija PS1214 jghid li sabha fil-karozza tal-imputat,[7] waqt li l-Pulizija PC915 Joseph Abela[8] jghid li l-hadida tahilu l-imputat.

4. Minn investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija, il-hadida la kienet kompattibbli man-nuts tar-roti tal-vettura tal-imputat u lanqas ma dik tal-*parte civile.*[9]

5. Il-parte civile gie certifikat li kellu ferita ta' 3cm fuq mohhu u kellu bzonn hames punti, liema ferita giet klassifikata bhala gravi minn Dottor Malcolm Paul Galea, it-tabib li ezaminah fid-Dipartiment tal-Emergenza tal-Isptar Mater Dei.[10]

6. L-imputat gie certifikat li sofra feriti ta' natura *"slight save complications"* minn Dottor Joelle Azzopardi li ezaminatu fl-Isptar Mater Dei.[11]

7. L-Ufficjal Prosekutur istitwixxa proceduri kriminali ukoll kontra l-parte civile, li kienu qed jinstemghu minn din il-Qorti diversament preseduta.

---

[6] Ara xhieda ta' PS1214 Julian Dimech a fol. 51 *et seq.* tal-process.
[7] Ara xhieda ta' PS1214 Julian Dimech a fol. 52 tal-process.
[8]Ara xhieda ta' PC 914 Joseph Abela a fol. 68 tal-process.
[9] Ara xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Keith Arnaud a fol. 14 tal-process.
[10] Ara Certifikat Ezebit bhala Dok KA2 a fol. 22 tal-process.
[11] Ara Certifikat ezebit bhala a fol. 66 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

***<u>Konsiderazzjonijiet Preliminari</u>***

Qabel din il-Qorti tista' tghaddi biex tikkonsidra dawn il-proceduri fil-meritu, hija trid bil-fors tiddeciedi tlett kwistjonijiet preliminari, li huma s-segwenti:

1. L-effett fuq dawn il-proceduri li ghandha d-dikjarazzjoni tal-parte civile li hu m'ghandux iktar interess f'dawn il-proceduri;
2. L-ammissibilita tal-istqarrija tal-imputat f'dawn il-proceduri;
3. Jekk din il-Qorti, kif preseduta, tistax tiehu konjizzjoni tax-xhieda ta' Wayne Caruana u Thomas Camilleri, li xehdu fis-7 ta' Jannar 2009 quddiem din il-Qorti diversament preseduta – nonostante l-fatt li id-difiza ma ezentatiex li tisma' dawn ix-xhieda mill-gdid, izda dan ix-xhieda qatt ma regghu ingiebu biex jixhdu quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Din il-Qorti se tikkonsidra dawn il-kwistjonijiet wahda wahda.

*<u>L-effett fuq dawn il-proceduri li ghandha d-dikjarazzjoni tal-parte civile li hu m'ghandux iktar interess f'dawn il-proceduri;</u>*

Ghalkemm il-*parte civile* iddikjara li m'ghandhux aktar interess f'dawn il-proceduri, bl-eccezzjoni tat-tielet imputazzjoni, l-imputazzjonijiet l-ohra kollha huma prosegwibbli mill-Pulizija *ex officio,* u ghalhekk din il-Qorti xorta trid tikkunsidra l-mertu tal-imputazzjonijiet.

Ghal dawk li jirrigwarda it-tielet imputazzjoni, li hija l-kontravenzjoni komtemplata fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, il-Pulizija tista' biss tmexxi kontra l-imputat jekk ikollha l-kwerela tal-parti leza, ara Artikolu 339(2) tal-Kodici Kriminali. Ladarba, il-parti civile irtira l-kwerela tieghu fuq din l-imputazzjoni, allura din il-Qorti ma tistghax tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-tielet imputazzjoni.

Il-parte civile iddikjara wkoll li *"llum m'ghadhiex issofri minn ebda sfregju, marki u lanqas kundizzjoni medika konsegwenza ta' dan l-incident u llum jista' jiddikjara li ma hemmx kumplikazzjonijiet."* Dan huwa ovvjament tentattiv da parte tal-parte civile – in vista tal-ftehim li lahaq mal-imputat – li jimmittiga l-gravita tal-ferita li sofra, sabiex din ma tibqax

tigi kkunsidrata wahda gravi, kif ikklassifika t-tabib Dottor Malcom Paul Galea, imma tigi ikkunsidrata bhala ferita hafifa, u allura tehtieg il-kwerela tal-parti offiza sabiex jistghu jitkomplew il-proceduri odjerni (ara Artikolu 221 tal-Kodici Kriminali).

Pero din mhix il-posizzjoni legali. Kemm mic-certifikat ezebit minn Dottor Malcom Paul Galea, kif ukoll mix-xhieda tieghu fil-proceduri odjerni,[12] jirrizulta li l-parte civile soffriet *lacero contused wound* ta' xi 3cm *"over the forehead"* u kellu bzonn hames (5) *satures* zghar apposta, peress li jkunu fil-wicc biex ma jibqghux jibqghux jidhru hafna bhala marka. Dottor Galea xehed li *peress li qeghda fil-forehead u tigi below il-line tax-xaghar li ser tibqa' tidher marka avolja jiena pruvajt inhitha kemm jista' jkun pulita imma lacero contused wound m'ghandekx qata' sabieha, dritta u ezatt, tigi grevious as such ghax din hemm potenzjal li tibqa' marka fuq il-wicc."*

Issa l-ewwel imputazzjoni kontra l-imputat hija li hu ikkaguna lill-parte civile griehi ta' natura gravi ai termini tal-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jikkontempla *inter alia* l-kaz fejn il-ferita *"jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ."* Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Paul Spagnol**, deciza fit-12 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali[13] irriteniet hekk: *"B'mankament (jew fit-test taljan tal-ligi taghna, allura Articolo 222, "deformita") fil-wicc, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entita della alterazione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto." (Manzini, V.,* ***<u>Trattato di Diritto Penale Italiano</u>****, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra, u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista ssir fir-<u>regolarita'</u> tal-wicc, fl-<u>armonija</u> tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-<u>sbuhija</u> tal-wicc. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma xulxin" (****<u>Il-Pulizija v. Emily Zarb</u>****, App. Krim., 15/2/58, Kollezz. Deciz. LXII.IV.1245, 1248). ... ... Kollox jiddependi mill-entita tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

[12] Ara xhieda ta' Dottor Malcolm Paul Galea a fol. 81 *et seq.*
[13] *Per* Imhallef Vincent DeGaetano

Inoltre fis-sentenza **Il-Pulizija v. Francis Dingli** deciza ukoll fit-12 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali[14] kompliet tispjega hekk: *"L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom il-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sieghat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi **u** permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b). Ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) jekk hemmm sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f'dan il-kaz il-magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghall-konkluzjonijiet differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) sfregju, anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."*[15] (sottolinear u enfasi ta' dik il-Qorti).

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, huwa car, li ghalkemm fid-data li fiha ghamel id-dikjarazzjoni tieghu – erba' (4) snin wara l-incident de quo – il-parte civile iddikjara li hu m'ghadux isofri minn ebda sfregu jew marki, ma hemmx dubbju li l-parte civile soffra sfregju ai termini tal-Artikolu 216(1)(b) li bih l-imputat hu akkuzat, stante li mill-provi jirrizulta li saru hames (5) saturi f'wicc il-parte civile, u din il-Qorti m'ghandhix dubbju li ticrita ta' tlett (3) centimetri mehjuta b'hames (5) saturi hija certament visibbli minn distanza li soltu jkun hemm bejn in-nies biex jitkellmu. Konsegwentement, il-parte civile, ghall-inqas ghal ftit granet, sakemm is-saturi ma tnehhewx, kellu sfregu f'wiccu ghalkemm mid-dikjarazzjoni tieghu jirrizulta li l-marka ta' dawn is-saturi m'ghadhix tidher aktar.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, u minghajr pregudizzju ghall-kwistjoni jekk l-imputat hux hati jew le tal-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti m'ghandhix dubbju li l-ferita li sofra l-parte civile tammonta ghal sfregju li jaqa' fil-parametri tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Civili, u tikkwalifika ghal ferita gravi. Ghaldaqstant, minkejja d-dikjarazzjoni tal-parte civile, din l-ewwel imputazzjoni hija prosegwibbli mill-Pulizija *ex officio*.

[14] *Per* Imhallef Vincent DeGaetano.
[15] Ara wkoll fl-istess sens **Notes on Criminal Law** ta' **Prof. A.J.Mamo** a fol. 228.

Fil-fatt fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-imputat stess jghid hekk *"Hekk kif su espost, l-esponenti u Camilleri rrisolvew il-pendenzi ta' bejniethom b'mod amikevoli, tant li m'ghad hemm ebda interess f'dawn il-proceduri penali, li sfortunatament ghadhom fuq saqajhom biss minhabba li n-nuqqas ta' interess ta' Johann Camilleri ma huwiex bizzejjed sabiex jigu estinti."*[16]

Konsegwentement, minkejja d-dikjarazzjoni tal-parte civile, din il-Qorti se jkollha tikkonsidra jekk l-imputat hux hati jew le tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, hlief ghat-tielet imputazzjoni li l-prosekuzzjoni taghha ma tistghax titkompla stante li l-parte civile irtira l-kwerela tieghu.

*L-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputat f'dawn il-Proceduri*

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tiskarta l-istqarrija tal-imputat u dak kollu li seta' qal waqt l-investigazzjoni, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Il-Kwistjoni tax-xhieda li taw Wayne Caruana u Thomas Camilleri f'dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2011, id-difiza infrumat lil din il-Qorti kif preseduta, li kienet qed tezentaha mis-smiegh mill-gdid tax-xhieda gia mismugha, ghajr ghax-xhieda ta' Wayne Caruana u Thomas Camilleri li xehdu fis-7 ta' Jannar 2009.

Is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel sive Charles Ellul Sullivan et** deciza fil-25 ta' Settembru 2015 mill-Qorti Kostituzzjonali, kienet appuntu titratta talba tad-difiza li l-provi jergghu jinstemghu mill-gdid, stante li kien hemm bdil tal-Magistrat fil-mori tal-proceduri u

[16] Ara fol. 105 tal-process.

din il-Qorti, diversament preseduta, cahdet it-talba. L-imputati allegaw li din ic-cahda tiksrilhom id-dritt fundamentali taghhom ghal smiegh xieraq kif prottett taht il-Kostituzzjoni u taht il-Konvenzjoni Ewropea. F'din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet hekk:

*"48. Fil-każ tal-lum, għalkemm il-Maġistrat il-ġdid li ser jiddeċiedi l-kaz mhux ser ikollu l-opportunità li jisma' mill-ġdid ix-xiehda li nġiebet mill-prosekuzzjoni u li diġà nstemgħet mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif diversament komposta, b'daqshekk ma jfissirx li d-dritt fondamentali għas-smigħ xieraq tal-appellanti ġie jew ser jiġi miksur. Irid neċessarjament jittieħed qies tal-istadju odjern tal-proċeduri kriminali fejn minkejja li l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha, l-appellanti għadhom fi stadju fejn għandhom l-opportunità sħiħa li jressqu x-xhieda li jixtiequ jressqu, jagħmlu kontro-eżami tax-xhieda ġia prodotti mill-Prosekuzzjoni kif ġia kellhom l-opportunità li jagħmlu appena ġew prodotti, jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom lill-Qorti ta' kompetenza kriminali li ser tiġġudikahom. Għaldaqstant, l-appellanti għad għandhom kull opportunita' biex jinfiċjaw il-kredibilita' tax-xhieda li diġa' tressqu mill-Prosekuzzjoni u li jipperswadu lill-ġudikant li jkun mill-inattendibilita' tal-istess xhieda.*

*49. L-appellant Ellul Sullivan jagħmel riferenza għall-importanza tal-prinċipju tal-immedjatezza fil-proċeduri penali u f'dan il-kuntest jinvoka s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Pulizija v Joseph Bartolo**[17] u **Pulizija v Helga D'Alessandro**[18] u wkoll **Pulizija v Concetta Attard**[19], li ċċitat b'approvazzjoni s-sentenza ta' **D'Alessandro**. Din il-Qorti naturalment tirrikonoxxi l-importanza tal-prinċipju ta' immedjatezza kemm fil-proċeduri ċivili u aktar u aktar fi proċeduri penali. B'danakollu, apparti li l-każijiet kollha msemmija għandhom fattispeċi partikolari li ma jsibux riskontru fil-każ ta' llum, il-prinċipju tal-immedjatezza u dak li jingħad f'dawk is-sentenzi ma jnaqqsu xejn mill-prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti fi Strasburgu u ta' din il-Qorti li fi proċeduri kostituzzjonali l-eżami jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq irid isir billi jittieħed qis tal-proċedimenti kollha fl-assjem tagħhom u li għalhekk dan l-eżerċizzju, fil-prinċipju, huwa indikat li jsir biss fi tmiem il-proċedimenti taħt eżami.*

[17] 9/9/1999
[18] 2/9/1999
[19] 9/2/2011 Rik.Kost. 29/10.

*50. L-appellant Ellul Sullivan jagħmel ukoll riferenza għas-sentenzi tal-Qorti fi Strasburgu fl-ismijiet* ***P.K. vs. Finland***[20] *u* ***Pitkanen v. Finland***[21]*. Dawn is-sentenzi wkoll ma jnaqqsu xejn mill-prinċipju li l-eżami ta' kienx hemm vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq fi proċess partikulari għandu jsir biss fi tmiem dawk il-proċeduri sabiex il-Qorti tkun tista' tagħmel l-apprezzament tagħha billi tieħu qis tal-proċedimenti kollha fl-assjem tagħhom. Di fatti fiż-żewġ kawżi msemmija il-proċedimenti li dwarhom sar l-ilment kienu ġew terminati qabel ma l-Qorti fi Strasburgu tat id-deċiżjoni tagħha. Inoltre, fiż-żewġ kawżi, għalkemm kien hemm bidla tal-ġudikant fil-kors tal-proċedimenti li dwarhom sar l-ilment, il-Qorti ma sabet ebda ksur tad-dritt għal smigħ xieraq minkejja li xhieda ġia mismugħa ma nstemgħux mill-ġdid mill-ġudikant li daħal wara u dan peress li l-Qorti sabet li ċirkostanzi oħra tal-proċess kienu jikkompensaw għan-nuqqas ta' immedjatezza.*[22] *Fir-rigward hu opportun li jiġi rilevat li filwaqt fil-każ* **Pitkanen** *il-proċedimenti in kwistjoni kienu ta' natura ċivili, dawk fil-każ* ***P.K. vs. Finland*** *kienu ta' natura penali u f'dan l-aħħar każ l-applikazzjoni ġiet dikjarata inammissibbli.*

*51. Ukoll f'dan il-każ din il-Qorti ma tistax teskludi f'dan l-istadju li ċerti fattizzi preżenti, jew oħrajn futuri sakemm jiġu terminati l-proċedimenti penali, jistgħu jikkumpensaw għal xi element ta' nuqqas ta' immedjatezza li jista' jkun jeżisti fl-istess proċedimenti penali."*

Ghalkemm fl-ordinament guridiku Malti m'ghandniex id-dottrina tal-precedent, il-Qorti Kostituzzjonali hija l-oghla qorti tal-pajjiz, u ghalhekk is-sentenzi moghtija minn din il-Qorti bilfors li ghandhom element perswasiv qawwi u jinfluwixxu fuq is-sentenzi moghtija mill-qrati l-ohra tal-pajjiz, inkluza ovvjament fuq dawk moghtija minn din il-Qorti. Ghaldaqstant, l-insenjament li johrog minn dik is-sentenza jghodd ghall-Qrati l-ohrajn kollha.

Konsegwentement, din il-Qorti ma tistax kapriccosament tinjora dan l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali u l-linji gwida mghotija fl-istess sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali.

Fil-kaz odjern, din il-Qorti, kif preseduta, ghandha a disposizzjoni taghha l-verbali dettaljati u kull xhieda li nstemghet minn din il-Qorti diversament preseduta – inkluza dik ta' Wayne Caruana u Thomas Camilleri - hija traskritta debitament. Kien ikun naturalment differenti l-

[20] 9/7/2002
[21] 9/3/2004
[22] Pitkanen v Finland, #65

kaz kieku din il-Qorti ma ghandha l-ebda dokumentazzjoni u se tiggudika mingħajr ma kienet se tisma' l-provi. L-ordinament guridiku tagħna tant huwa attent għal dawn il-possibbilitajiet li meta jsir appell kriminali minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Sommarja (fejn allura x-xhieda normalment ma tkunx traskritta), il-provi jergħu jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Inoltre, fil-kaz odjern, meta l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta, il-provi kienu ghadhom fil-bidu tal-provi tad-difiza. Ghalhekk l-imputat kien għadu fi stadju fejn għandu l-opportunità sħiħa li jressaq x-xhieda li jixtieq jressaq, jagħmel kontro-eżami tax-xħieda ġia prodotti mill-Prosekuzzjoni, kif ġia kellu l-opportunità li jagħmel appena ġew prodotti, u jagħmel is-sottomissjonijiet tieghu lil din il-Qorti, kif preseduta u li ser tiġġudikah. Għaldaqstant, l-imputat kellu kull opportunita' biex jinfiċja l-kredibilita' tax-xhieda li diġa' tressqu mill-Prosekuzzjoni u li jipperswadi lil din il-Qorti mill-inattendibilita' tal-istess xhieda.

Il-fatt li l-imputat iddecieda li ma jressaq l-ebda provi fl-istadju tal-provi tieghu, inkluz lanqas insista fuq it-talba tieghu li Wayne Caruana u Thomas Camilleri jergghu jixhdu mill-gdid quddiem din il-Qorti, u minflok iddecieda li jistrieh fuq id-dikjarazzjoni tal-parte civile li ma kienx ghad fadallu interess f'dawn il-proceduri, kienet decizjoni strategika tieghu.

Fid-dawl tas-suespost, il-fatt li l-imputat mhux ser jigi gudikat minn Magistrat li sema' *viva voce* lix-xhieda Wayne Caruana u Thomas Camilleri, u biex jinghad kollox, il-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni, ma jfissirx li huwa m'huwiex se jkollu 'a fair trial'. Huwa rilevanti, li fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-imputat stess dahal fil-meritu ta' dak li xehdu dawn iz-zewg xhieda, u ghamel is-sottomissjonijiet tieghu biex jiskredita x-xhieda taghhom.

Ghaldaqstant, il-Qorti se tiehu in konsiderazzjoni x-xhieda ta' Wayne Caruana u Thomas Camilleri.

**<u>Konsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Il-Qorti se tikkonsidra l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat wahda, wahda, apparti t-tielet imputazzjoni stante li kif diga inqal iktar il-fuq il-mertu taghha hu ezawrit, stante li l-parte civile irtirat il-kwerela.

*<u>L-Ewwel Imputazzjoni – Ir-reat ta' griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Johann Camilleri</u>*

Fix-xhieda tieghu, il-parte civile Johann Camilleri xehed li waqt li hu kien qed isuq, l-imputat ghamel manuvra bil-vettura tieghu u kien se jahbat mieghu, u meta l-parte civile osservalu li ma setghax jaghmel dik il-manuvra, l-imputat wiegbu b'mod vulgari, saq ghal fuqu u dahal fih. Camilleri kompla jispjega li malli sar l-impatt bejn il-vetturi, hu nizel mill-van biex jikkonstata l-hsara u jkompli hekk: *"Malli inzilt jiena, lanqas taghni cans ghax il-van tieghi twil, Isuzu Elf 150, malli jiena miexi lejn it-trakk, jigifieri hrigt mill-bieba u niezel 'l isfel, dan mill-ewwel taghni daqqa ta' hadida hawn hekk. ... ... U meta beda jaghtini biha jiena bdejt nimxi lura u bdejt nilqa' b'idejja hekk, li imbaghad wara li beda jaghtini biha, jiena pruvajt nehodielu min idejh. Intlift minn sensija. Bdejt inrieghed u mort nara mal-mera tal-van u ghidtlu ara x'ghamiltli. Dak il-hin Seldon rajtu inizzel idejh hekk u baqa' jiccassa lejja. ... ... Iva jiena l-hadida f'hin minnhom hadtielu minn diu u tfajtha fl-art. Imbaghad gew in-nies izommuna, proprjament bdejt nghidilhom ghalfejn qed izommu lili, jiena qed nipprova niddefendi ruhi. Imma in-nies imnalla gew dak il-hin. Imma meta gew in-nies, Sheldon kien waqaf jaghtini. Malli jiena ghidtlu ara x'ghamiltli, Sheldon ma baqax jaghtini."* [23]

L-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi *"B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."* Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghaliex m'ghandhix temmen din il-verzjoni tal-fatti li ta Johann Camilleri, anke minghajr il-korroborazzjoni taz-zewg xhieda okulari Wayne Caruana u Thomas Camilleri.

[2323] Ara xhieda ta' Johann Camilleri a fol 24 tal-process.

Dan ghaliex il-verzjoni tal-fatti li ta Johann Camilleri hija komfortata mill-feriti li gew kagunati fuq il-persuna tieghu u fuq dik tal-imputat. Kif diga inghad, Johann Camilleri kellu ticrita fuq mohhu ta' tlett centimetri – mic-certifikat mediku ezebit ma jirrizulta li kellu l-ebda forma ohra ta' ferita – lanqas wahda hafifa. Meta Dottor Malcolm Paul Galea – it-tabiba li ezamina lill-parte civile u rrilaxxa c-certifikat mediku – gie mistoqsi ma xhiex kienet kompatibbli din id-daqqa, huwa wiegeb hekk: *"... ... peress li l-edges taghha ma kienux maqtughin ezatt, il-probabbilita kbira hija li saret b'xi haga blunt mhux xi haga li taqta' ghax xi haga li taqta' jkoll edge car hafna. Fil-fatt ghalhekk lacero contused wound, meta tigi biex thitha tkun iktar difficli u tibqghalek marka."*[24]

Min-naha l-ohra, kif jirrizulta mic-certifikat mediku u x-xhieda ta' Dottor Joelle Azzopardi, l-imputat kellu dawn il-feriti: *"Kellu ferita fix-xoffa ta' fuq, fuq in-naha tal-lemin kif wkoll qasma ta' 5mm. Kellu nefha fl-imnieher, grif fuq il-mohh u fuq l-ghadma ta' l-ghonq tal-lemin, u fuq in-naha tal-lemin tas-sider. Kellu nefha u hmura fl-ghonq fuq in-naha tax-xellug. Kellu tbengila ta' 3cm fin-naha tad-driegh ix-xellugija. Tbengila ta' 3cm fuq in-naha tax-xellug tal-warrani. Hafna grif fuq id-dahar u ugiegh mat-taghfis, jigifieri soft tissue injury fuq il-qafas tas-sider min-naha ta' quddiem. L-x-rays kienu kollha normali."*[25] Ghalhekk, apparti l-qasma zghira ta' 5mm fuq ix-xoffa ta' fuq, il-bqija tal-griehi kienu jikkonsistu fi tbengil u grif. Fil-fatt il-feriti gew klassifikati bhala ta' natura hafifa, salv kumplikazzjonijiet.

Dawn il-feriti li kellu l-imputat, certament m'humiex kompatibbli ma daqqa jew addirittura daqqiet minn daqqa ta' hadida li tintuza biex jinhallu n-nuts tar-roti ta' vettura. Imma huma iktar kompatibbli ma' glieda bl-idejn u ma rezistenza fizika biex jigi mrazzan minn terzi persuni, kif xehed il-parti civili.

Inoltre PS 1214 Julian Dimech xehed li hu gabar il-hadida in kwistjoni mill-vettura tal-imputat.[26] PC 915 Joseph Abela xehed li kien l-imputat li tah il-hadida, u qallu li l-parte civile kien nizel ghalih biha u hadielu.[27] Huwa vera li z-zewg pulizija ma qablux bejniethom kif il-hadida giet ghandhom. Pero, il-parte civile xehed li meta rnexxielu jiehu l-hadida minn idejn l-imputat, hu tefaghha fl-art u dan u verosimili fic-cirkostanzi tal-kaz. Mhux verosimili li l-imputat ha l-hadida minn idejn il-parte civile, u baqa' biha f'idu, nonostante li kien qed jigi

[24] Ara xhieda ta' Dottor Malcolm Paul Camilleri a fol. 81 tal-process.
[25] Ara xhieda ta' Dottor Joelle Azzoparidi a fol. 61 tal-process.
[26] Ara xhieda ta' PS 1214 Julian Dimech a fol. 52 tal-process.
[27] Ara xhieda ta' PS 915 Joseph Abela a fol. 67 *et seq.* tal-process.

mizmum minn terzi persuni li ndahhlu biex iferrqu lill-imputat u l-parte civile, ghax altrimenti ma hemmx dubbju li fil-kommossjoni, xi hadd minn dawn it-terzi persuni kien jigi ferut b'din il-hadida.

Ghalhekk, anke fid-dawl ta' dawn il-provi biss, fl-opinjoni tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, li kien l-imputat li agredixxa lill-parte civile.

Pero *ex abbundantia* hemm ix-xhieda ta' Wayne Caruana u Thomas Camilleri, li t-tnejn xehdu li wara l-habta tal-vetturi, l-imputat hareg b'hadida u xejjira fuq ras il-parte civile, li fetah idejh biex jiddefendi ruhu. Huma xehdu li l-hadida giet f'idejn il-parte civile u intremiet fl-art u gew in-nies u waqfu.[28]

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-imputat jipprova jiskredita lil dawn ix-xhieda billi Caruana xehed li l-imputat ta' daqqa bil-hadida lil parte civile *"minn fuq ghal isfel"* fil-wat li Thomas Camilleri xehed li d-daqqa nghatat *"minn isfel ghal fuq"*. Frankament, fl-opinjoni ta' din il-Qorti din id-diskrepanza fix-xhieda tal-mod ta' kif inghatat id-daqqa, mhix wahda tali li ghandha tiskredita lil dawn ix-xhieda. Wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li dawn iz-zewg xhieda kienu bi kwiethom flimkien il-Gzira, u f'daqqa wahda tisvolgi quddiem ghajnejhom mhux biss kollizjoni, izda glieda drammatika. Wiehed irid ihalli latitudni li fic-cirkostanzi, ix-xhud bil-hasda li jkun ha, ma jkunx mija fil-mija preciz, fix-xhieda tieghu. Dak li hu importanti hu, li z-zewg xhieda qablu li kien l-imputat li hareg mill-vettura bil-hadida u xejjirha fuq ras il-parte civile.

L-imputat jikkritika ukoll lix-xhud Camilleri ghaliex xehed li hu kien qed jaghraf ghax raha, il-hadida li biha gie ferut il-parte civile, u dan minkejja li huwa kien hdejn Caruana, li qal li kien il-boghod mill-incident daqs l-awla darbtejn. Caruana semma li hu kien f'din id-distanza meta l-vetturi habtu, u sema lill-imputat jghid kelma hazina.[29] Thomas Camilleri jghid li qed jaghraf il-hadida ghaliex *"rajtha b'ghajnejja stess hux ghax kont hemm hekk fuq il-post."*[30] Fix-xhieda tieghu, Caruana wkoll jghid li qed jaghraf il-hadida. Il-fatt li Thomas Camilleri jghid li kien *"fuq il-post"* juri li ghall-inqas hu ma baqax fil-post fejn kien ma Caruana meta

---

[28] Ara xhieda ta' Wayne Caruana a fol. 35 *et seq.* tal-process u x-xhieda ta' Thomas Camilleri a fol. 40 *et seq.* tal-process.
[29] Ara x-xhieda ta' Wayne Caruana a fol. 37-38 tal-process.
[30] Ara x-xhieda ta' Thomas Camilleri a fol. 41 tal-process.

sehhet il-habta bejn il-vetturi, pero sussegwentement mar fuq il-post fejn saret il-glieda – presubilment wara li gew il-Pulizija, u s-sitwazzjoni kienet taht kontroll. La Thomas Camilleri u lanqas Wayne Caruana ma xehdu li huma ma ccaqalqux mill-post fejn kienu, meta saret il-habta bejn il-vetturi.

L-imputat ukoll jipprova jiskredita lil dawn iz-zewg xhieda billi jghid illi dehru qeghdin jirrakkontaw storja u mhux jixhdu *viva voce*. Jekk dawn iz-zewg xhieda kienu flimkien, u raw l-incident u l-glieda flimkien, din il-Qorti ma tippretendix li ssib divergenzi sostanzjali bejn dak li jghid wiehed u dak li jghid l-iehor. Il-fatt li din il-Qorti, diversament preseduta, staqsiet lil Thomas Camilleri jekk hux cert li qieghed jghid il-verita, ma jfissirx li din il-Qorti ma kinietx qed temmnu, pero ifisser li din il-Qorti kienet qed tfakkru b'mod sottili tal-konsegwenzi jekk hu ma jghidx il-verita, biex tara jekk nonostante din l-ammonizzjoni sottili huwa jibqghax isostni l-istess verzjoni tal-fatti.

L-imputat isemmi wkoll il-fatt li l-hadida li ntuzat sabiex jigi ferut Camilleri ma taqbilx mar-roti tal-karozza tieghu. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dan il-fatt huwa irrelevanti. Mill-provi, jirrizulta minghajr dubbju ragonevoli li l-imputat hareg din il-hadida mill-vettura tieghu. Jekk din kinietx il-hadida li l-imputat kien juza sabiex iholl ir-roti tal-vettura tieghu jew le huwa irrelevanti. F'dan il-kuntest, u fir-rigward dak li jissottometti l-imputat iktar l-isfel fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, kif diga inghad iktar il-fuq, din il-hadida lanqas taqbel mar-roti tal-vettura tal-*parte civile.*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-imputat jissottometti wkoll li l-*parte civile* ma sofra ebda sfregju fil-wicc jew mankament, ghaliex il-ferita ma halliet ebda marka. Huwa jissottometti wkoll daqqa zghira fuq ras il-parte civile ezatt taht il-hairline tieghu ma tistghax tigi meqjusa bhala wahda li tammonta ghal sfregju fil-wicc kif jirrikjedi l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9, u ghaldaqstant, ghandha tigi meqjusa bhala offiza ta' natura hafifa a tenur tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9.

Din il-Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet approfonditi fuq in-natura tal-ferita sofferta mill-parte civile aktar 'il fuq f'din is-sentenza, meta kienet qed tikkonsidra l-effett tad-dikjarazzjoni tal-parte civile li m'ghandux aktar interess f'dawn il-proceduri, u a skans ta' ripetizzjoni inutili tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet taghha iktar il-fuq ghaliex il-ferita sofferta mill-parte civile ma tistax titqies bhala offiza ta' natura hafifa.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali l-ewwel imputazzjoni.

*It-Tieni Imputazzjoni – Il-Kontravenzjoni ta' Ksur tal-Buon Ordni u Paci Pubblika*

Din it-tieni imputazzjoni hija li l-imputat kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied. Apparti x-xhieda tal-*parte civile,* dan hu konfermat mix-xhieda ta' PS 1214 Julian Dimech, li xehed li meta wasal fuq il-post sab lill-imputat u lill-parte civile jargumentaw. Huwa konfermat ukoll mix-xhieda ta' PC 915 Joseph Abdilla li xehed li wara l-habta l-imputat u l-parte civile spiccaw fl-idejn u hu kien qed izommhom kalmi.

Konsegwentement, din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

*Ir-Raba' Imputazzjoni – Il-Kontravvenzjoni li l-Imputat dagha fil-pubbliku*

Ir-raba' imputazzjoni hi li waqt li kien fil-pubbliku, l-imputat qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagha.

L-Artikolu 338(bb) jippreskrivi li hu hati ta' kontravvenzjoni kull min *"għad illi jkun xurban, igħid fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew jagħmel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, joffendi l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika;".*

Pero, din ir-raba' imputazzjoni kif redatta hija limitata ghal imputazzjoni li l-imputat *"qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagha."* Konsegwentement, din il-Qorti trid tiddeciedi biss jekk giex pruvat skond il-ligi li l-imputat dagha fil-pubbliku. Issa l-unika xhud li jghid li l-imputat dagha fil-pubbliku hu Thomas Camilleri li xehed li l-imputat *"beda jidghi u tkellem*

*hazin.”*. Pero meta gie mistoqsi minn din il-Qorti, diversament preseduta jekk bediex jidghi b’Alla, ix-xhud wiegeb li l-imputat tkellem hazin, imma ma jiftakarx x’qal.[31]

Ghalkemm hemm xhieda ohra li jghidu li l-imputat tkellem hazin, hemm distinzjoni bejn li wiehed jitkellem hazin u li wiehed jidghi, tant li l-piena ghal kontravenzjoni ta’ dagha fil-pubbliku hija regolata specifikatament fl-Artikolu 342 tal-Kodici Kriminali.

Din l-imputazzjoni li l-imputat dagha fil-pubbliku certament ma gietx ippruvata sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, u ghalhekk l-imputat se jigi liberat minnha.

*Il-Hames Imputazzjoni – Il-Kontravvenzjoni li l-imputat hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddahom jew qabad armi ohra kontra l-parte civile*

Din l-imputazzjoni tirreferi ghal incident li allegatament sehh iktar tard fl-istess gurnata, meta kemm l-imputat kif ukoll il-*parte civile* kienu qieghdin jigu rikoverati gewwa l-Isptar Mater Dei.

Il-*parte civile* xehed li hu kien qieghed jistenna l-isptar bil-faxxa go rasu, u hareg ghal ftit minuti fil-parkegg tal-Ward tal-Emergenza tal-Isptar Mater Dei. Waqt li kien diehel lura, il-*parte civile* xehed li *“Sheldon ghadda minn hdejja u taghni daqqa ta’ spalla. U hemmhekk dendilli mal-faxxa. Ghidtlu inti ser tibqa’ sejjer biha? U gebbidli l-faxxa minn rasi u rega’ beda jaghtini. Imbaghad jiena hemm hekk kelli nerga’ niddefendi ruhi.”* [32] Il-partner tal-*parte civile,* Milena Giorgeva, tati bejn wiehed u iehor l-istess verzjoni.[33]

L-Artikolu 339(1)(b) jippreskrivi li hu hati ta’ kontravvenzjoni kull min *“mingħajr ma jidrob jew isawwat, ihedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew iwaddabhom, jew jaqbad armi oħra kontra n-nies;”*

[31] Ara xhieda ta’ Thomas Camilleri a fol. 44 tal-process.
[32] Ara xhieda ta’ Jonathan Camilleri a fol. 25-26 tal-process.
[33] Ara xhieda ta’ Milena Giorgeva a fol. 109 tal-process.

Din l-allegazzjoni tal-*parte civile* certament ma tinkwadrax ruhha fil-parametri ta' din il-kontravvenzjoni – ghalkemm, jekk tigi debitament pruvata, tikkostitwixxi reat taht disposizzjonijiet ohra tal-Kodici Kriminali.

Konsegwentement, l-imputat ma jistghax jigi misjub hati ta' din il-kontravvenzjoni u se jigi liberat minnha.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-imputat jaghmel diversi sottomissjonijiet dwar il-piena.

Fl-ewwel lok, huwa jeccepixxi d-difiza legittima u jissottometti li *dato ma non concesso* li huwa ferixxa lil Johann Camilleri, dan l-agir sehh biss sabiex jiddefendi ruhu, u ghalhekk m'ghandux jimporta piena, a tenur tal-artikolu 223 tal-Kap. 9.

Effettivament, iktar minn sottomissjoni fuq il-piena, din hija eccezzjoni fil-meritu tal-ewwel imputazzjoni, stante li jekk ghal grazzja tal-argument biss jigi ippruvat li l-imputat ferixxa lill-parte civile biex jiddefendi ruhu, il-ligi ma tqisx li gie kommess reat – ara l-Artikolu 223 tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti tosserva li l-imputat ghazel li ma jixhidx fil-proceduri odjerni u ghalhekk il-verzjoni tal-fatti li jsemmi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu m'hi bl-ebda mod sorretta mill-provi, lanqas bix-xhieda tieghu stess. Din il-versjoni tal-fatti tinstab in sostanza fl-istqarrija tieghu, li ghar-ragunijiet imsemmija aktar il-fuq ghandha tigi skartata.

Dan nonostante, din il-Qorti xorta se tikkunsidra din is-sottomissjoni tal-legittima difesa, u fl-opinjoni konsidrata taghha ghar-ragunijiet moghtija meta hija kienet qed tikkunsidra l-htija tal-imputat fil-konfront tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat m'hux kredibbli meta jghid li kien il-parte civile li hareg bil-hadida u aggredieh, u hu kellu jiddefendi ruhu u rnexxielu jiehu l-hadida minghand il-parte civile, u mbaghad ta lill-parte civile daqqa biha.

Apparti li l-versjoni moghtija mill-*parte civile* hija aktar kredibbli, il-feriti sofferti mill-imputat certament m'humiex kompattibli ma dawk ta' persuna li tghid li giet aggredita ghall-

gharrieda permezz ta' hadida. Kif diga inghad, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-Prosekuzzjoni ippruvat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li kien l-imputat li aggredixxa lill-parte civile bil-hadida.

Fit-tieni lok, l-imputat jissottometti li hu ghandu jinstab hati biss ta' offiza hafifa. Din il-Qorti diga spjegat ghaliex l-ferita li sofra l-parte civile ma tista' qatt tigi konsiderata bhala offiza hafifa. Fil-fatt, hawnhekk l-imputat qed jikkontradixxi lilu nnifsu, ghax kieku - ghal grazzja tal-argument biss – din il-Qorti kellha tikkunsidra li l-ferita li sofra l-parte civile kienet wahda hafifa, allura hija ma tista' timponi l-ebda piena fir-rigward, stante li l-parte civile iddikjarat li m'ghandhix aktar interess f'dawn il-proceduri, u la giet irtirata l-kwerela fil-konfront ta' ferita ta' natura hafifa, il-proceduri fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni iridu jieqfu – ara Artikolu 221(4) tal-Kodici Kriminali.

Konsegwentement, anke din is-sottomissjoni qed tigi michuda.

Minghajr pregudizzju ghal dak li kien issottometta qabel, l-imputat imbaghad ghamel is-sottomissjonijiet tieghu dwar il-piena f'kaz ta' htija ta' offiza gravi – kif fil-fatt din il-Qorti ser issibu hati.

Din il-Qorti ser issib lill-imputat hati wkoll tat-tieni imputazzjoni ta' ksur tal-buon ordni b'ghajjat u glied, pero peress li din hija kontravenzjoni, din il-Qorti tista' tati biss il-piena ghad-delitt li tieghu l-imputat ser jinstab hati – ara Artikolu 17(d) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-imputat li hu m'ghandux karattru raffrettarju, u fil-fatt mill-fedina penali aggiornata tieghu, jirrizulta li hu kien instab hati darba wahda biss tal-kontravvenzjoni li kiser il-buon ordni, u dan qabel l-incident in kwistjoni.

L-imputat irrefera wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carlo sive Carlos Agius**, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[34] irriteniet li fl-ikkalibrar tal-piena, anke n-nuqqas ta' pendenzi bejn il-partijiet ghandu jittiehed in konsiderazzjoni. Il-Qorti tal-Appell Kriminale (sede Inferjuri)[35] hadet ukoll in konsiderazzjoni l-irtirar tal-kwerela tal-parte civile fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Victor**

[34] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[35] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

**Mifsud** deciza fis-6 ta' Mejju 2004. Fid-dawl ta' dan l-insenjament, din il-Qorti se tiehdu in konsiderazzjoni l-fatt li l-parte civile iddikjarat li m'ghandhix interess aktar f'dawn il-proceduri.

L-imputat irrefera wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Farrugia**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[36] fil-15 ta' Frar 2012, fejn l-imputat gie misjub hati ta sfregju fil-wicc a tenur tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali u minkejja li kien ghadu lanqas lahaq ftehim mal-vittma sabiex jikkompensah, gie mqieghed biss taht Ordni ta' Probation b'servizz fil-komunita. Pero l-fattispecje f'dak il-kaz kienu differenti minn dak odjern, stante li f'dak il-kaz l-appellant kien ghadu minorenni meta ikkommetta r-reat, fil-waqt li fil-kaz odjern l-imputat kellu 24 sena meta ikkommetta r-reat.

Il-piena preskritta mill-Kodici Kriminali ghar-reat that l-artikolu 216(1)(b) tal-istess Kodici hija piena karcerarja minn tlett (3) xhur sa tlett (3) snin. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, filwaqt illi din il-Qorti tikkundanna bl-aktar mod deciz u kategoriku l-uzu ta' vjolenza, il-fatt illi llum il-partijiet irrangaw il-pendenzi ta' bejniethom jimmilita lill-Qorti li ma terogax piena karcerarja effettiva. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u stante illi mid-dikjarazzjoni tieghu stess, ma jirrizultax li saret xi hsara kbira lill-persuna ta' Johann Camilleri, din il-Qorti thoss li l-piena idonea ghandha tkun wahda ta' sentenza ta' prigunerija sospiza lejn il-minimu taghha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-procediment ezawrit fil-konfront tat-tielet imputazzjoni, stante li l-parti leza irtirat il-kwerela;

2. Issib lill-imputat mhux hati tar-raba' u l-hames imputazzjonijiet u qed tilliberah minnhom;

[3636] *Per* Imhallef David Scicluna.

3. Wara li rat l-Artikolu 216(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti kontrieh, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' hames (5) xhur, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' sentejn, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

**Magistrat**

**Dott. Alan Zerafa LL.D.**
**Deputat Registratur**